GUDJA

Minuti tal-ħamsa u erbgħin laqgħa tas-Sitt Kunsill Lokali għall-Gudja li saret fl-uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill nhar it-Tlieta 05 ta' Ġunju 2012.

Preżenti:

| | |
|---|---|
| Sindku: | John Mary Calleja |
| Viċi-Sindku: | Romeo Baldacchino |
| Kunsillieri: | Mark Anthony Sammut, Osvaldo Pace u Anthony Dalli |

1. Approvazzjoni ta' minuti – 43/6 (26 t'April 2012)

2. Kommunikazzjonijiet:-
   a. Sindku
   b. Viċi-Sindku
   c. Kunsilliera

3. Rapporti:-
   a. Ilmenti; b. Ittri li ntbagħatu; c. Ittri li rċevejna

4. Management Letter

5. Proġett tal-Mitħna Housing Estate mal-Awtorita tad-Djar- Konklużjoni

6. Tenders (follow up):-
   a. GLC/01/2012 – Road works
   b. GLC/04/2012 – Patching works

7. Ħruġ ta' tenders ġodda u kwotazzjonijiet:-
   a. GLC/06/12 - Servizz ta' accountant
   b. GLC/07/12 - Insurance Broker
   c. GLC/08/12 - Ġbir ta' skart domestiku bieb bieb u provvista ta' bins-on-wheels
   d. GLC/09/12 - Manutenzzjoni u provvistata' tabelli u sinjali
   e. Quot/01/12 – Office stationery
   f. Quot/02/12 – Żebgħa – road markings
   g. Quot/03/12 – Photocopier
   h. Quot/04/12 – Sinjali u tabelli tat-traffiku
   i. Quot/05/12 – Supply, assemble and install 40mm aluminium tube stainless stell colour together with necessary fittings for hand trail.

8. Jum il-Gudja – 15 ta' Lulju

9. Finanzi
   a. Petty Cash; b. Skeda ta' pagamenti;
   c. Talbiet għal xiri u xogħlijiet

10. Għeluq tal-laqgħa

## Ftuħ tal-laqgħa

Il-laqgħa bdiet fis-5.55p.m. wara talba qasira mis-Sindku u l-Kunsillieri kollha preżenti.

NB:- Minn item 1 sa item 4 diġa ġew diskussi fil-laqgħa numru 44/6 u għalhekk il-Kunsill qabel li jkompli minn item 5.

**5. Proġett tal-Mitħna Housing Estate mal-Awtorita tad-Djar- Konklużjoni**

5.1 Wara deliberazzjoni l-Kunsill qabel li jsiru dawn ix-xogħlijiet:-

a. railing żgħir fit-taraġ tad-dħul fl-aħħar block
b. Qlugħ tas-siġar tal-oleander u flokhom jitħawlu siġar taċ-ċitru
c. Xogħlijiet oħra ta' manutenzjoni sabiex jiġi assigurat li ma jitlax ħaxix li jaqla l-madum li għadu kemm ġie imqiegħed f'dan il-proġett.

Il-Kunsill iddeċieda ukoll li qabel ma jsir l-aħħar pagament lill-kuntrattur għandu jiġi żgurat li xogħol meħtieg skond il-kuntratt ikun sar kif ukoll dak ix-xogħol ta' riparazzjoni li għalih tkun responsabli l-kuntrattur.

**6. Tenders (follow up):-**

**a. GLC/01/2012 – Road works**
**b. GLC/04/2012 – Patching works**

6.1 Il-Kunsill iddeċieda li fiċ-ċirkustanzi preżenti jerġa joħroġ tenders ġodda dwar dawn ix-xogħlijiet li jaqgħlqu fl-20 ta' Lulju 2012.

6.2 Il-Kunsill iddeċieda li sabiex ilaħħaq max-xogħol u peress li l-Kunsill għandu kuntrattur dwar il-bankini u xogħlijet żgħar, iqabbad dan il-kuntrattur li jaħdem fuq dawn ix-xogħlijet ta' bankini u xogħol ieħor:-

a. Triq San Pawl Gudja – bankini (meta jinħarġu l-permessi mill- Awtoritajiet kompetenti)

b. Triq Bir Miftuħ għal Triq il-Magħsar

c. Biċċa bankina fi Triq William Baker qabel il-pjazetta magħrufa tal-Qalb ta' Ġesu'.

d. Triq Ħal Resqun – kantuniera

e. Rampa fi Ġnien Raymond Caruana u li għandha tinxtara bollard li tkun tista tinżel skond il-ħtieġa.

f. Biċċa bankina fi Triq il-Lewż u Vjal it-Torri Gudja.

**7. Ħruġ ta' tenders ġodda u kwotazzjonijiet:-**

**a. GLC/06/12 - Servizz ta' accountant**
**b. GLC/07/12 - Insurance Broker**
**c. GLC/08/12 - Ġbir ta' skart domestiku bieb bieb u provvista ta' bins-on-wheels**
**d. GLC/09/12 - Manutenzzjoni u provvistata' tabelli u sinjali**
**e. Quot/01/12 – Office stationery**
**f. Quot/02/12 – Żebgħa – road markings**

- g. **Quot/03/12 – Photocopier**
- h. **Quot/04/12 – Sinjali u tabelli tat-traffiku**
- i. **Quot/05/12 – Supply, assemble and install 40mm aluminium tube stainless stell colour together with necessary fittings for hand trail.**

7.1 Il-Kunsill approva l-ħruġ ta' dawn it-tenders u l-kwotazzjonijiet u ddeċieda li jieħu l-provedimenti meħtieġa wara li jagħlqu dawn it-tenders u l-kwotazzjonijiet.

**8. Jum il-Gudja – 15 ta' Lulju 2012]**

8.1 Is-Sindku stieden lill-Kunsillieri kollha sabiex jieħdu sehem f'dawn l-attivitajiet li sejrin jinfirxu fuq ħmistax il-ġurnata li jsiru bejn l-01 u l-15 ta' Lulju 2012 u jilħuq l-qofol taghhom fil-15 ta' Lulju 2012 – Jum il-Gudja.

8.2 Il-Kunsill iddeċieda li l-programm jiftaħ b'kompetizzjoni Sparatura Dritta li l-Kunsill itella mal-Gudja United FC u li l-Kunsill iħallas is-somma massima ta' żewġ snieter (€300) u tazzi ta' trofew lil rebbieħa.

8.3 Is-Sindku qal li l-programm uffiċjali jiġi pubblikat kemm jista' ikun qabel 01 ta' Lulju 2012 u jiġi mqassam għand ir-residenti kollha tal-Gudja sabiex jipparteċipaw bi ħġarhom.

**9. Finanzi**

- a. **Petty Cash;**
- b. **Skeda ta' pagamenti;**
- c. **Talbiet għal xiri u xogħlijiet**

9.1 Petty Cash. Il-Kunsill approva n-nefqa ta' €78.54 għax-xahar ta' April 2012 kif ippreżentata lill-Kunsill.

9.2 Skeda ta' pagamenti. L-iskeda ta' pagamenti għax-xahar ta' Mejju 2012 li tlaħħaq is-somma ta' €85540.49 ġiet approvata kif ippreżentata wara li ġew imwieġba l-mistoqsijiet tal-Kunsillieri dwar xi kontenut ta' din l-iskeda ta' pagamenti.

9.3.0 Talbiet għal xiri u xogħlijiet

9.3.1 Il-Kunsill approva x-xogħlijiet u n-nefqa kif indikati f'dawn il-minuti.

9.3.2 Il-Kunsill approva ukoll xiri ta' żebgħa safra, żebgħa bajda u railing fil-kantina ta' taħt il-bini tal-Kunsill.

9.3.3 Xogħol ta' tiswija tal-bankijiet fil-Ġnien Ġlormu Cassar, xiri ta' boldijiet, żebgħa u strippi t'injam għal dawn l-istess bankijiet.

9.3.4 Xogħol ta' tiswija u manutenzzjoni fil-latrini pubbliċi fi Ġnien Raymond Caruana Il-Gudja.

## 10. Għeluq tal-laqgħa

10.1 Dawret il-Gudja – service road lit miss ma' Triq Kan Dun Pietru Farrugia u Triq Raymond Caruana Il-Gudja. Il-Kunsill qabel li jitlob lit-TM sabiex isir traffic management exercise u xogħol meħtieġ sabiex dik l-strippa jew tiġi rranġata sewwa kif meħtieġ jew tinqala kompletament u jitpoġġew barriers li jiproteġu kemm lin-nies kif ukoll il-proprjeta f'din in-naħa tat-riq peress li anke issa saret aktar frekwentata peress li ġie tinstallata ATM ta' bank kummerċjali.

10.2 Il-Kunsill qabel li mat-tala tal-Kunsill ikun hemm ukoll ritratti sabiex juru l-qagħda preżenti li xejn ma tagħti dehra tajba tal-ġmiel tal-Gudja.

10.3 Ittra tal-Awditur tal-Gvern. Dispute with a trade creditor €24,100.00. Is-Sur Dalli staqsa dwar dan il-każ u għaliex qed jieħu dan iż-żmien li jiġi deċiż. Il-Kunsill ġie infurmat bid-dettal dwar ir-rappreżentazzjonijiet tal-Kunsill li jinsab mejjun mill-Avukat Dr. Paul Lia. Il-Kunsill iddeċieda li ma jagħmle l-ebda kompromess jew kumpens qabel ma jkun hemm deċiżjoni final ital-Qorti jew Tribunal li jiddeċidi dwar dan il-każ.

10.4 Offerta tas-Sur John Dalli sabiex il-Kunsill jixtri d-dar fi Triq il-Kbira kantuniera ma' Triq San Ċiru, Gudja. Il-Kunsill ra li din il-proprjeta fiha ħafna potenzjal iżda minħabba limitazzjonijiet fil-finanzi tal-Kunsill u restrizzjonijiet oħra l-Kunsill wera interess li jesplora possibiltajiet oħra li jikkonsidra xi proġett ta' Private Public Partnership mas-Sur John Dalli u dan sakemm tippermetti l-liġi u l-ħidma tal-Kunsill. Il-Kunsill qabel li jinforma lis-Sur John Dalli dwar dan.

10.5 Wifi fi Ġnien Ġlormu Cassar. Is-Sur Pace qal li peress li dan il-Ġnien huwa ferm popolari speċjalment fi żmien tas-Sajf, il-Kunsill għandu jesplora l-possibilta li jkun hemm WiFi bħal ma hemm fi Ġnien Raymond Caruana. Il-Kunsill qabelli jikseb kwotazzjonijeit dwar dan is-servizz ta' WiFi.

10.6 Triq Joseph Gravina mill-kantuniera ta' Triq il-Barjola. Is-Sur Sammut qal li kienu qed jaslulu ħafna ilmenti li qed issir sewqan eżaġerat f'din il-parit ta' triq speċjalment matul il-lejl. Is-Sur Sammut qal li kien hemm anke inċidenti li xi sewwieqa daħlu f'karozzi ipparkjati u baqgħu sejrin.

Saret diskussjoni dwar il-mod li għandha tiġi rimedjata din il-qagħda u l-Kunsil iddeċieda li jitlob lit-TM sabiex Triq Joseph Gravina issir one way fis-sens li ma jkunx hemm aċċess min-naħa ta' Triq il-Barjola, imma it-traffiku jgħaddu biss lejn id-direzzjoni ta' Ħal

Għaxaq, kif ukoll għandu jintalab permess sabiex tiġi installat sleeping policeman fi Triq l-Awrekarja, Gudja.

10.7 Triq De Warsbergh Gudja. Is-Sur Baldacchino qal li qed ikollu ħafna ilmenti dwar il-problema ta' parkeġġ ġewwa din it-triq. Il-Kunsill qabel li jiġi avviċinat il-Perit tal-Kunsill sabiex jagħmel l-istudju meħtieġ u wara li jagħmel ir-rakkomandazzjoni tiegħu lill-Kunsill, jagħmel laqgħa pubblika mar-residenti sabiex flimkien jipprova li jsib soluzzjoni u b'hekk jonqos l-inkonvenjent preżenti għal dawn ir-residenti.

***Aġġornament***

Il-laqgħa spiċċat fit-8.00p.m. u ġie aġġornata għal Ħamis 28 ta' Ġunju 2012 fuq Agenda li tiġi ċċirkulata qabel il-laqgħa.

Joseph M. Formosa
Segretarju Eżekuttiv

John-Mary Calleja
Sindku

Approvati: _______________